**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Decizjoni Numru 2546

Kaz Numru 3316/KBC

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn

Roger Debono (ID 10271A)

u

Gozo Hotels Company Limited (C-542)

Chairperson: Dr Katrina Borg Cardona

Illum, il-Ġimgħa 27 ta' Lulju, 2018

It-Tribunal,

Ra r-rikors tat-12 ta' Novembru, 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-impieg tiegħu ġie terminat inġustament;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetà ntimata li permezz tagħha ġġustifikat it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent billi kkontendiet li r-rikorrent kien irriżenja.

Ra l-lista ta' xhieda tal-partijiet.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent u tax-xhieda kollha prodotti nkluż Sammy Rapa, Michael Caruana, Neville Camilleri u Lorry Portelli;

Ra d-dokumenti eżebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2018, il-każ tħalla għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi mix-xhieda u d-dokumenti prodotti rriżulta illi:

- Il-lukanda tas-soċjetà ntimata kienet qed tagħmel telf sostanzjali u d-deċiżjoni tas-sid li jingaġġa General Manager kienet intiża sabiex titjieb is-sitwazzjoni mwegħra tal-lukanda.
- Sammy Rapa, il-General Manager effettivament ingaġġat, beda jagħmel tibdil fl-operat tal-lukanda u jimplimenta prassi ġodda.
- Il-*modus operandi* ta' Sammy Rapa ma kienx milqugħ tajjeb mir-rikorrent u mpjegati oħra tal-lukandi u dan għal numru ta' raġunijiet li ħarġu mix-xhieda mogħtija;
- Il-proċeduri odjerni huma riżultat ta' nċident li nqala' waqt *buffet* fil-lukanda meta klijent irrapporta lill-General Manager li l-ikel kien kollu kiesaħ. Dan, skont xhieda mhux kontradetta, b'riżultat ta' ħsara fl-*extension* ta' l-elettriku li miegħu kien imqabbad l-apparat intiż sabiex iżomm l-ikel sħun.
- Irriżulta illi l-ħsara ġiet imsewwija mis-Sous Chef Lorry Portelli, iżda l-aġir ta' Portelli wassal sabiex dan ġie mwiddeb, flimkien mar-rikorrent, talli Portelli kien assenta ruħu minn postu mall-*buffet* fil-ħin meta hu mar isewwi l-ħsara fl-*extension*.
- B'risposta għal din it-twiddiba r-rikorrent qal lil Rapa illi ma messux ċanfar lil Portelli għax dan kien qed imur oltre minn dmiru meta ntriga biex jirranġa l-*extension* fin-nuqqas ta' *maintenance personnel.*
- F'dal-ħin sar diskors bejn ir-rikorrent u Rapa, liema diskors intemm, skont ix-xhieda ta' Rapa, bir-rikorrent jgħid lil Rapa fis-saħna tal-argument illi kien qed jirriżenja. Rapa qal hekk "Qalli iktibli l-karta ……." u "Ghamilli l-karta ha niffirmaha u mmur l-hemm";
- Ir-rikorrent ċaħad li qal xi diskors li ried jirriżenja u qal anzi li kompla għaddej b'xogħolu;
- Rapa wkoll ikkonferma illi wara t-tilwima u d-diskors (dwar riżenja) ir-rikorrent kien baqa' għaddej b'xogħolu u mistoqsi jekk ir-rikorrent kienx telaq qal "Le le baqa' hemm. Jien sa kemm naf jien sa kemm ittini l-memorja ma spiċċax minn hemmhekk. Baqa' hemm jiġifieri spiċċa d-dinner";
- Rapa mbagħad irrapporta lill-Managing Director, Dr Michael Caruana, dak li skont hu kien ġara u ntqal u xi ġranet wara Rapa sejjaħ lir-rikorrent u tah ittra ffirmata minn Dr Caruana li kienet tgħid li b'konnessjoni mar-riżenja verbali li

kien esprima lill-General Manager fid-9 ta' Lulju, 2014, tali riżenja kienet ġiet aċċettata mill-Bord u li r-rikorrent kien qed jiġi rilaxxat b'effett immedjat.

- Iż-żewg ħaddiema li kienu preżenti waqt l-argument li nqala' bejn r-rikorrent u Rapa, ċioè Lorry Portelli (Sous Chef), u Neville Camilleri (Pastry Chef), it-tnejn xehedu li fl-ebda mument ma semgħu lir-rikorrent jgħid xi diskors li jrid jitlaq jew jesprimi xewqa li jispiċċa mill-lukanda.
- Dakinhar tal-inċident kien ir-rikorrent stess li żamm lis-Sous Chef milli jitlaq mill-impjieg.
- Dakinhar stess li saret it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent dan ġie rimpjazzat b'chef Taljan.

Illi l-każ kollu jipperna dwar jekk kienx hemm verament riżenja da parti tal-impjegat jew jekk kienx hemm tkeċċija unilaterali da parti tal-prinċipal. M'hemmx dubju illi terminazzjoni ta' mpieg hija azzjoni estrema li m'għandhiex tittieħed mingħajr ġustifikazzjoni. Il-każ odjern jittratta allegazzjoni ta' riżenja verbali li saret lill-General Manager u li ġiet rapportata mill-istess General Manager lill-Managing Director. Min-naħa l-oħra ir-rikorrent jinnega li qatt qal diskors li seta' jiġi nterpretat bħala riżenja da parti tiegħu u fix-xhieda tagħhom ħaddiema li kienu prezenti waqt l-inċident fejn suppost ir-rikorrent irriżenja jgħidu li ma semgħu ebda diskors dwar riżenja.

Fid-dawl tax-xhieda kollha mogħtija, u b'mod partikolari tenut kont tax-xhieda konfliġġenti ta' Sammy Rapa fuq naħa u Neville Camileri u Lorry Portelli fuq in-naħa l-oħra, t-Tribunal ikkonsidra wkoll il-fatt illi l-prinċipal ma talab ebda konferma mir-rikorrent tar-riżenja tiegħu u lanqas ma kellem lir-rikorrent biex jieħu konferma diretta ta' dak li r-rikorrent suppost qal lill-General Manager. It-Tribunal wieżen ukoll in-nuqqas ta' *notice period* f'dan il-każ ta' riżenja allegata, fatt li dwaru il-prinċipal la kkummenta u lanqas ilmenta minkejja l-obbligi legali ta' l-impjegat versu l-prinċipal f'dan il-kuntest. Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa fattur ieħor li jimmilita favur it-teżi tar-rikorrent. F'dawn iċ-ċirkostanzi t-Tribunal ma jħossux sodisfatt li kien hemm riżenja da parti tar-rikorrent.

Minkejja dan, meta t-Tribunal għamel apprezzament taċ-ċirkostanzi u l-ambjent li kienu jissussistu dak iż-żmien fil-lukanda nkluż waqt l-inċident li ta lok għat-

terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, ma setax jeskludi l-fatt li r-rikorrent seta' kkontribwixxa b'xi mod għal dak li ġara billi qal diskors li wassal għal interpretazzjoni ta' offerta ta' riżenja. Mill-banda l-oħra t-Tribunal ma jħossx li kien hemm ġustifikazzjoni għat-terminazzjoni tal-impieg speċjalment minħabba l-mod xejn korrett li bih aġixxiet is-soċjetà ntimata meta qagħdet fuq kelma ta' terza persuna u ma kkonfermatx mar-rikorrent li fil-fatt kellu l-intenzjoni li jirriżenja. Iżda t-Tribunal iqis illi biex ikun ġust u ekwu għandu wkoll jagħti piż lill-fatt ill dak li nqala' seta' kien dovut ukoll għar-relazzjoni diffiċli li kienet teżisti bejn r-rikorrent u l-General Manager. It-Tribunal iqis ukoll illi meta l-prinċipal għadda sabiex jittermina l-impjieg tar-rikorrent a bażi dak li ntqal lilu minn terzi, huwa espona ruħu għal possibiltà ta' claim għal unfair dismissal.

It-Tribunal għalhekk jiddieċiedi illi l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat mhux minħabba r-riżenja tar-rikorrent iżda riżultat ta' azzjoni unilaterali ta' tkeċċija da parti tal-prinċipal mingħajr raġuni ġusta u suffiċjenti fil-liġi. Konsegwentement jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-soċjetà ntimata tħallsu in linea ta' kumpens is-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000).

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet jiffissa s-somma ta' tlieta u disghin ewro u sbatax il-centezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artiklu 78(1) tal-Kap 452 it-Tribunal jiddikjara li minhabba differimenti u n-numru ta' seduti ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata fi zmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)
**Dr Katrina Borg Cardona**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**